# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

DIĊEMBRU
1974

## *EDITORJAL:*

# ISTITUT TA' KULTURA MALTIJA

*Fl-aħħar editorjal tagħna semmejna x-xewqa kbira li għandha l-Akkademja li jkollna f'Malta Istitut ta' Kultura Maltija bħalma għandhom kemm f'pajjiżhom u kemm f'pajjiżi oħra nazzjonijiet oħra. Għedna u wrejna s-sogħba tagħna li f'pajjiżna s-sens ta' ġieh nazzjonali għadu nieqes, li r-rispett soċjali li kull pajjiż għandu jkollu lejn uliedu għadu ma qamx biżżejjed u forsi ftit wisq.*

*Għad hawn minn għadu jħares lejn ħaġa bħal din bħala snobiżmu kulturali, hawn min għadu jqiesha bħala ħela ta' flus u enerġija, imma meta tiġi l-okkażjoni biex jiddandan b'ilbies ħaddieħor, taraħ minn ta' quddiem. Ma jindunax li jkun qed juri l-faqar intellettwali, li fih għadu jgħum, ma jintebaħx li hu għadu maħkum minn mentalità kolonjali u li meta jxidd ilbies ħaddieħor jiġih imxattar u li qatt ma jista' jagħmel figura jiddandan kemm jiddandan. Il-libsa tibqa' ma hix tiegħu, tibqa' mislufa, tibqa' mkittfa fuqu.*

*L-Istitut ta' Kultura Maltija li rridu rriduh jikkonkretizza l-aspirazzjonijiet nazzjonali tagħna, li jagħti sura lill-ideat kulturali tagħna, li jnissel fina sodisfazzjon li aħna min aħna, żgħar kemm aħna żgħar, imma li aħna aħna u mhux ħaddieħor, li l-libsa hi tagħna u mhix mislufa, li l-libsa tiġina tajjeb u mhix imkittfa jew imxattra, li tkun qed tfisser u turi l-ispirtu tagħna u mhux qed tifgah taħt libsa ta' ħaddieħor.*

*Bħalma semmejna fl-editorjal l-ieħor nieħdu pjaċir naraw ħafna ħidmiet kulturali jimxu 'l quddiem ġo pajjiżna: għandna l-Iskola tal-Arti, għandna għaqdiet tal-Malti, (li forsi huma dupplikazzjoni ta' sforzi), għandna l-għaqdiet tat-teatru, bħall-Atturi Theatre Group (isem li ma għoġobniex bit-taħlita tal-ilsna) għandna 'Din l-Art Ħelwa' li qed taħdem bis-serjetà għall-ħarsien tal-monumenti storiċi ta' pajjiżna, lill-Klabb Kotba Maltin li qed igħin ħafna ħalli tikber u tixtered il-letteratura Maltija.*

*Ix-xewqa tal-Akkademja li jkollha post ċentrali fejn fih tista' tit-wettaq kull ħidma kulturali għandha tkun l-aspirazzjoni ta' kull intel-lettwali, ta' kull ċittadin li għandu sens ċiviku, sens ta' pattrijottiżmu, sens ta' rispet nazzjonali. Fiċ-ċentru jkunu jistgħu isiru laqgħat kul-turali fuq livell għoli, kemm fuq letteratura, lingwistika, storja, arti u kull qasam ieħor. Bħalissa kull min irid jorganiżża xi laqgħat irid bil-fors ifittex sala 'l hemm u 'l hawn, irid jitħabat ħalli jfittex il-fondi meħtieġa u ħafna drabi dak li jkun jixtieq jagħmel jasal għalih bi sforzi mqanżħa u l-effett jew frott ikun kważi deformat. Għaliex dan? Mhux għax neqsin minn sens ta' ġieħ nazzjonali?*

*F'Malta għad ma nissilniex dak is-sens għoli ta' qima lejn dak li hu kulturali. F'Malta għadna nimxu fuq il-qisien tal-kemm ser jaqbilli u ta' pressjonijiet. Jingħataw mijiet ta' reklami u jintefqu mijiet kbar ta' liri fuq dawn sempliċement jew għax is-sidien jistħu jew jibżgħu ma jagħtux, anki forsi meta jkollhom idea li l-kawża li għaliha ngħata r-reklam tista' tkun ta' ħsara. Għad ma għandniex il-ħila li nieqfu fuq tagħna u niġġudikaw l-affarijiet minn lenti iktar ċara.*

*Eżempju ċar u sod tawh id-direttur tal-Kumpanija tas-sigaretti Rothmans meta waqqfu b'ġieh kbir għalihom il-premju għall-lettera-tura Maltija. Ta' kull sena qed jagħtu somma ġmielha daqqa għall-aħ-jar rumanz, daqqa għal dramm jew ktieb ta' poeżiji. Ditti oħra offrew somma bħala borża ta' studju għal xi student universitarju imma oħ-rajn għadhom jaħlu flushom fuq kompetizzjonijiet li liż-żgħażagħ jagħ-tugħhom sens falz u mgħawweġ tal-valuri umani. Is-sbuħija fiżika u anatomika napprezzawha, imma napprezzaw ferm aktar s-sbuħija in-tellettwali.*

*Id-darba l-oħra semmejna li f'pajjiżna għandhna diversi nazzjoni-jiet li waqqfu istitut ta' kultura tagħhom. Dan l-aħħar smajna wkoll li l-'Maltese German Circle' mhux biss qed ikabbar l-attivitajiet tiegħu, imma ġie megħjun mill-gvern tiegħu u llum flok il-flat li kellu l-Furjana kiseb 'Dar Messina' li kienet sa ftit ilu l-uffiċju tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Nifirħu lill-German Circle u lill-gvern tiegħu li seħħilhom jwettqu x-xewqat tagħhom. Tgħid l-għajta tagħna u tan-Nazzjon Mal-tija għad jisimgħuha d-ditti Maltin u l-Gvern Malti? Tgħid għad ngħidu aħna wkoll li seħħilna niksbu post kbir u ċentrali għall-Istitut ta' Kul-tura Maltija? It-tama fina hija qawwija, irridu naraw rieda qawwija minn dawk kollha li jistgħu jgħinu.*

o